# Anness A

| | |
|---|---|
| **Ministeru** | Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel |
| **L-impjieg** | Post ta' Senior Manager |

Ufficcju tas-Segretaru Permanenti
Pinto Business Centre, Qormi

**Dmirijiet u responsabbiltajiet**

i. Imexxi l-Unit tal-Kontroll responsabbli għas-sorveljanza, kontroll u monitoraġġ (MCS) tas-sajd f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u dik tal-Unjoni Ewropea (UE);Jassigura t-twassil fil-ħin tal-proġetti skont l-ambitu, il-baġit u l-istandards ta' konformità;

ii. Jissorvelja l-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' kontroll u spezzjoni taħt il-Politika Komuni tas-Sajd (CFP), filwaqt li jiżgura l-konformità mar-regolamenti tal-UE u l-obbligi nazzjonali;

iii. Jikkoordina l-ippjanar operattiv u t-tqassim tal-attivitajiet ta' kontroll, inklużi spezzjonijiet fil-baħar, fil-port u fis-suq;

iv. Jiżgura l-operat tajjeb u l-użu effettiv tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Sajd (FIS), VMS, AIS, ERS, u għodod elettroniċi oħra ta' kontroll;

v. Jissorvelja l-attivitajiet tas-sajd, ir-rapportar tal-qabdiet u l-ġestjoni tal-kwoti sabiex jidentifika u jindirizza irregolaritajiet jew każijiet ta' sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux regolat (IUU);

vi. Jikkollabora mal-Forzi Armati ta' Malta (AFM), id-Dwana, il-Pulizija, u awtoritajiet kompetenti oħra f'azzjoni ta' infurzar u operazzjonijiet konġunti;

vii. Jirrappreżenta l-Unit tal-Kontroll f'laqgħat nazzjonali u fil-livell tal-UE, f'gruppi ta' ħidma u missjonijiet relatati mal-kontroll u l-konformità tas-sajd;

viii. Iħejji u jissottometti rapporti, data u statistika lill-Kummissjoni Ewropea, l-EFCA u korpi nazzjonali rilevanti;

ix. Jimmaniġġja u jinforza r-responsabbiltajiet tal-ħaddiema fi ħdan l-Unit tal-Kontroll, inklużi ispetturi, analisti tad-data u uffiċjali tekniċi, filwaqt li jiżgura taħriġ xieraq, superviżjoni u ġestjoni tal-prestazzjoni;

x. Jissorvelja *audits* interni u jikkolabora fi spezzjonijiet u evalwazzjonijiet esterni minn awtoritajiet tal-UE jew internazzjonali;

xi. Jiżgura li l-attivitajiet u l-proċeduri ta' kontroll ikunu dokumentati, trasparenti u konformi mar-rekwiżiti ta' traċċabilità;

xii. Jagħti pariri lid-Direttur dwar kwistjonijiet ta' politika, regolatorji u operattivi relatati mal-kontroll tas-sajd, u jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' pjanijiet ta' kontroll u valutazzjonijiet tar-riskju, kif ukoll jipparteċipa fl-abbozzar u l-aġġornament ta' programmi nazzjonali ta' kontroll u pjanijiet ta' emerġenza relatati mas-sajd;

xiii. Jattendi taħriġ, seminars u laqgħat rilevanti kemm lokalment kif ukoll barra minn Malta, skont il-bżonn;

xiv. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

xv. Jwettaq kwalunkwe dmir ieħor li jista' jiġi aġġornat biex jilqa' r-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif konfermat mis-Segretarju Permanenti;

xvi. Jwettaq kwalunkwe dmir ieħor kif dirett mis-Segretarju Permanenti Prinċipali.

Sit Elettroniku : agrikoltura.gov.mt
Indirizz Elettroniku : humanresources.maff@gov.mt
Numri tat-Telefon : 2339 7227

# Annex A

| | |
|---|---|
| **Ministry** | Ministry for Agriculture, Fisheries and Food Supply |
| **Job title** | Post of Senior Manager |

Office of the Permanent Secretary
Pinto Business Centre, Qormi

## Duties and responsibilities

i. Leads and manages the Control Unit responsible for fisheries monitoring, control, and surveillance (MCS) in line with national and EU legislation;

ii. Oversees the implementation of control and inspection strategies under the Common Fisheries Policy (CFP), ensuring compliance with EU regulations and national obligations;

iii. Coordinates operational planning and deployment of control activities, including sea, port, and market inspections;

iv. Ensures proper functioning and use of the Fisheries Information System (FIS), VMS, AIS, ERS, and other electronic control tools;

v. Monitors fishing activities, catch reporting, and quota management to detect and address irregularities or illegal, unreported and unregulated (IUU) fishing;

vi. Collaborates with the Armed Forces of Malta (AFM), Customs, the Police, and other competent authorities in enforcement actions and joint operations;

vii. Represents the Control Unit in national and EU-level meetings, working groups, and missions related to fisheries control and compliance;

viii. Prepares and submits regular reports, data sets, and statistics to the European Commission, EFCA, and relevant national bodies;

ix. Manages and enforces the staff within the Control Unit, including inspectors, data analysts, and technical officers, ensuring appropriate training, supervision, and performance management;

x. Oversees internal audits and supports external inspections and evaluations by EU or international authorities;

xi. Ensures that control activities and procedures are documented, transparent, and in line with traceability requirements;

xii. Advises the Director on policy, regulatory, and operational matters related to fisheries control, and contributes to the development of control plans and risk assessments and participates in drafting and updating of national control programmes and contingency plans for fisheries emergencies;

xiii. Attends relevant training, seminars, and meetings both locally and abroad, as required;

xiv. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xv. Undertakes any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

xvi. Performs any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Website : agrikoltura.gov.mt
Email Address : humanresources.maff@gov.mt
Telephone nos.: 2339 7227